

32003R1780

L 260/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.10.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1780/2003**ta' l-10 ta' Ottubru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2366/98 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' għajjnuna ta' produzzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa għas-snin tas-suq 1998/99 sal-2003/04**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 ta' l-20 ta' Lulju 1998 li jemenda r-Regolament Nru 136/66/KEE dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1513/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1638/98 jipprovdi għall-ħolqien ta' sistema ġeografika ta' informazzjoni (GIS) biex jittejjeb l-għerf dwar u l-verifiki fuq il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fil-livell tal-produttur individwali. L-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1638/98 jipprovdi li, mill-1 ta' Novembru 2003, is-siġar taż-żebbuġ u ż-żoni li jikkorrispondu li l-preżenza tagħhom ma tkunx attestata bil-koltivazzjoni taż-żebbuġ GIS stabbilita skond l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, ma jistgħux jikkostitwixxu bażi għall-għajjnuna li għandha titħallas lill-produtturi taż-żebbuġ taħt l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi żjut u xaħmijiet.
- (2) L-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2366/98⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2383/2002⁽⁴⁾, jippreskrivi regoli għall-applikazzjoni tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ GIS u l-kondizzjonijiet li taħtom jista' jitqiegħed li tkun tlestiet fil-livell reġjonali u nazzjonali.
- (3) U aktar b'mod partikolari, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 2366/98 jipprovdi għal proċedura li taħtha l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk il-koltivazzjoni taż-żebbuġ GIS

tkunx tlestiet fuq il-bażi ta' rapport mill-Istat Membru konċernat. Minħabba l-fatt li l-ħolqien tal-GIS għandha ssir hteġa obbligatorja għall-ksib ta' għajjnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi biex jippermettu li l-GIS tintuża b'mod mgħaġġel u effettiv, il-hteġa li dik il-proċedura tiġi segwita għandha titneħħa.

- (4) Madankollu, l-obbligu ta' l-Istati Membri li jinformat lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda għall-ħolqien tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ GIS u tlestija tagħha għandu jinżamm.
- (5) L-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 2366/98 għandu għalhekk jiġi emendat.
- (6) Il-miżuri li hemm provvidiment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 2366/98 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“3. l-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bil-miżuri nazzjonali meħuda taħt l-Artikoli 23 sa 26 u t-tlestija tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ GIS fil-livell ta' l-Istat Membru jew, fejn japplika, fil-livell reġjonali.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 210, tat-28.7.1998, pġ. 32.

⁽²⁾ ĠU L 201, tas-26.7.2001, pġ. 4.

⁽³⁾ ĠU L 293, tal-31.10.1998, pġ. 50.

⁽⁴⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, pġ. 122.